MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 110/2008

**A *sive* B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A C li permezz tieghu talbet li din il-Qorti:

i. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C minhabba adulterju, theddid, sevizji, eccessi u ingurji gravi li l-intimat ikkometta kontra martu l-esponenti, u kif ukoll minhabba inkompatibbilita ta’ karattru.

ii. Tafda lill-esponenti bil-kura u kustodja tal-minuri Carlston John u Jodie, salv l-access tal-intimat ghall-istess ulied minuri jekk ikun il-kaz.

iii. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti ghaliha u ghal uliedha minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-ligi, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inhluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni ghall-hlas dirett mill-paga tal-intimat li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

iv. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

v. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-isttess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila ta' l-esponenti, u dan kollu okkorendi bl-opera ta' perit nominandi, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-evntwali kontumacja fuq l-istess att.

vi. Tassenja lill-esponenti d-dar matrimonjali numerata sebgha (7), Triq Gorg Zammit, Attard.

vii. F'kaz illi l-Qorti ma tilqax is-sitt talba, tawtorizza lill-esponenti sabiex tabita fl-imsemmija dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-intimat, u taghti kull provvediment xieraq u opportune ghal dan l-iskop.

viii. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha.

Fl-istess rikors guramentat l-attrici ippremettiet :

1. Illi l-kontendenti zewgu fil-5 ta' Lulju 1991 u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiert kellhom zewg ulied, Carlston John li twieled fis-sena 1995 u Jodie li twieldet fis-sena 1998, u dan skond ma jirrizulta mic-certifikati tat-twelid tal-minuri

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex iktar possibbli minhabba li l-intimat irrenda ruhu hati lejn martu l-esponenti ta' adulterju, theddid u ingurji gravi, kif ukoll minhabba inkompatibilita ta' karattru.

4. Illi l-esponenti talbet u ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali

5. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-attrici.

Rat it-twegiba mahlufa tal-konvenut D C li permezz taghha eccepixxa illi:-

1. Hija l-attrici li tahti talli z-zwieg tfarrak irrimedjabilment minhabba sevizzi, ingurji gravi, akkuzi foloz, agir isteriku, theddid u vjolenza fizika u morali min-naha ta' l-attrici kontra l-eccipjent u kontra z-zewg uliedhom, u eventwalment minhabba adulterju min-naha ta' l-attrici, u ghalhekk is-separazzjoni personali ghandha tinghata minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici;

2. Ghalhekk il-kura u kustodja tal-minuri ma ghandhiex tkun fdata lill-attrici;

3. Ghalhekk ukoll l-eccipjent ma ghandux ihallas manteniment ghall-attrici;

4. Ma ghandhomx ikunu applikati kontra l-eccipjent id-disposizzjonijiet tal-Ligi msemmija fir-rikors mahluf;

5. L-eccipjent ma ddekada minn ebda sehem mill-komunjoni tal- akkwisti, u minn ebda sehem mid-dhul li jidhol fil-komunjoni skond il-ligi;

6. Id-dar matrimonjali ma ghandhiex tig assenjata lill-attrici izda lill-eccipjent;

7. L-eccipjent ma ghandux ikun imcahhad minn xi jedd fuq id-dar matrimonjali;

8. Ma hemm ebda beni illi l-eccipjent ghandu jrodd lill-attrici; u

9. Il-mertu ta' din il-kawza huwa marbut ma' dak tar-rikors mahluf numru 128/08NC fl-ismijiet D C vs A sive B C u ghalhekk jixraq illi z-zewg kawzi jimxu flimkien.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-konvenut.

Rat illi fl-20 ta' Mejju 2008 il-Qorti hatret lil Dr. Christine Bellizzi bhala Perit Legali a spejjez provizorjament ugwali bejn iz-zewg partijiet u ordnat illi din il-kawza timxi kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi numru 128/08 u l-provi mismugha f'din il-kawza ghandhom jitqiesu bhal provi mismugha fil-kawza l-ohra u vice versa.

Rat illi l-Perit Legali halfet ir-rapport peritali taghha waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012.

Rat illi fit-28 ta' Awissu 2006 il-Qorti hatret lill-Psikjatra Dr Joseph Cassar bhala Espert Psikjatirku u f'Jannar 2007 irredigieda rapport peritali.

Rat ir-Rapport tal-Avukat tat-Tfal tat-28 ta' Ottubru 2011.

Semghat lill-minuri in camera fit-12 ta' Novembru 2012

Rat in-nota ta' kritika u ta' osservazzjonijiet tal-attrici pprezentata fil-31 ta' Jannar 2013 u n-nota ta' kritika u ta' osservazzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-15 ta' Marzu 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Qabel ma titratta l-aspett patrimonjali tal-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet il-Qorti ser tghaddi sabiex fl-ewwel lok tezamina l-provi imressqa mill-partijiet fir-rigward tar-responsabbilta' legali rigwardanti t-tkissir taz-zwieg taghhom.

**PROVI DWAR IL-HTIJA GHAT-TKISSIR TAZ-ZWIEG.**

**Provi tal-Attrici**.

Fl-affidavit taghha l-attrici tghid li l-inkwiet matrimonjali beda meta bint il-partijiet, Jodie, kellha xi erba' snin u nofs ghaliex allegatament rat lil oht il-konvenut, Olwyn, taghmel atti oxxeni meta ma kienx hemm terzi prezenti. L-attrici takkuza lill-konvenut li baqa' ma ghamel xejn fuq din il-haga minkejja li hija kienet talbitu jikkonfronta lil familtu. Allegatament it-tifla regghet giet esposta  ghal imbiega iktar oxxena min-naha ta' zijitha. Hawnhekk l-attrici ddecidiet li tiehu l-kwistjoni f'idejha u kkonfrontat lill-familja tal-konvenut hija stess.   Minn hemm 'il quddiem ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet bdiet tiddeterjora b'rata mghaggla.

L-attrici tghid inoltre illi madwar dan l-istess perjodu, il-konvenut beda jqatta' iktar hin barra mid-dar b'xi skuza jew ohra. Lejn l-ahhar ta' Frar 2004 hija rat xi messaggi suspettuzi minghand mara ohra fuq il-mobile tal-konvenut u ddecidiet li tqabbad *private investigator*, li darba minnhom waqqfu lill-konvenut hdejn ir-Roman Villa li kien fil-karozza ma' mara ohra. Huma cemplu lill-attrici u hi marret fuq il-post u rat il-mara li maghha kien il-konvenut.

Xi jumejn wara l-incident l-attrici tghid li bdiet sensiela ta' vjolenza fizika u morali mill-konvenut fil-konfront taghha, li rrizultaw f'diversi rapporti u proceduri li ttiehdu fil-Qorti tal-

Magistrati. F'Lulju 2005 hija kellha tidhol Dar Merhba Bik. Hija regghet lura d-dar fuq talba tal-konvenut li weghdha li ser johrog hu stess mid-dar. Madankollu, huwa ma telaqx u skond l-attrici regghu bdew l-episodji ta' vjolenza fizika. Darba minnhom, l-attrici u t-tfal spiccaw jorqdu fil-karozza. L-attrici tilmenta inoltre illi l-konvenut ta' spiss kien jheddida li joqtolha u/jew jaqtalghha rasha.

Il-konvenut kien anki informa lill-attrici li kien ser jattendi l-programm tal-Men's Services ta' l-Appogg, pero meta skond l-attrici hija ghamlet verifiki rrizulta li l-konvenut ma baqax jattendi.

L-attrici elenkat diversi incidenti ta' vjolenza fizika u morali, inkluz incident partikolari fejn il-konvenut gera warajha bi *steak knife*. Wara dawn l-incidenti l-attrici marret toqghod ghand ommha flimkien mat-tifla Jodie. It-tifel baqa' jghix mal-konvenut. Minkejja li ma baqghetx tghix fid-dar matrimonjali, xorta wahda baqghu jinqalghu incidenti serji ta' vjolenza li dwarhom l-konvenut gie mressaq il-Qorti. L-attrici tirreferi wkoll ghal diversi incidenti fejn il-konvenut ikkommetta ksur tal-paci pubblika wara l-bieb ta' oht l-attrici u fejn anki ghamel hsara fil-bieb ta' barra ta' din il-persuna.

Mill-kopji tas-sentenzi ezebiti jirrizulta li l-konvenut instab hati ta' diversi reati mill-Qorti tal-Magistrati kif ser jinghad:-

i. B'sentenza tat-13 ta' Novembru 2007 instab hati talli matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2007 ingurja jew hedded lill-attrici u gie ikkundannat twiddiba u canfira
ii. B'sentenza tal-25 ta' Mejju 2004 instab hati talli fl-14 ta' Marzu 2004 igurja u hedded lil B C u talli kkagunalha griehi ta' natura hafifa u gie ikkundannat ghal multa ta' Lm50 u ntrabat b'obbligazzjoni li ma jimmolestax lill-istess B C.
iii. B'sentenza tas-6 ta' Novembru 2006 l-akkuza kontra l-konvenut li hedded lill-attrici giet dikjarata preskritta.
iv. Fis-6 ta' April 2006 gie dikjarat procediment ezawrit fil-konfront tal-konvenut wara li gie akkuzat talli ghamel uzu hazin minn mezzi ta' telekomunikazzjoni (hedded u insulenta lill-attrici) stante li l-attrici hafret lill-konvenut.

v. B’sentenza tal-15 ta’ Novembru 2006 il-konvenut instab hati talli kiser il-paci pubblika u talli hedded lill-attrici u lil ohtha Rose Mercieca u inghata ammonizzjoni u repersjoni u inharget garanzija taht l-Artikol 383 tal-Kapitolu 9.

vi. B’sentenza tal-20 ta’ Gunju 2007 il-konvenut instab hati talli kiser il-paci pubblika u talli hedded lil oht l-attrici Rose Mercieca inghata ammonizzjoni.

vii. B’sentenza tas-6 ta’ Dicembru 2010 il-konvenut instab hati talli fis-16 ta’ Gunju 2006 kkaguna feriti hfief fuq l-attrici u gie ikkundannat ihallas multa ta’ mitejn Euro.

viii. B’sentenza tal-10 ta’ Gunju 2010 il-konvenut instab hati talli fil-21 ta’ Jannar 2008 u fil-21 ta’ Marzu 2008 ghamel hsara volontarja fil-bieb tar-residenza ta’ oht l-attrici u gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 6 xhur.

ix. B’sentenza tad-29 ta’ Ottubru 2007 il-konvenut instab hati talli naqas milli jiehu hsieb kif xieraq lill-minuri Carltson u inghata twiddiba u tcanfira.

x. F’seduta tat-22 ta’ Lulju 2009 il-konvenut obbliga ruhu li ma jimmolestax lill-attrici wara li kien akkuzat li ta fastidju lill-istess attrici.

xi. F’seduta tat-23 ta’ Settembru 2009 il-konvenut obbliga ruhu li ma jimmolestax lill-attrici wara li kien akkuzat li hedded lill-istess attrici.

xii. F’seduta tas-7 ta’ Ottubru 2009 il-konvenut obbliga ruhu li ma jimmolestax lill-attrici wara li kien akkuzat li kkaguna lill-attrici biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha, kif ukoll talli ghamel uzu hazin tal-mezzi tal-komunikazzjoni.

xiii. B’sentenza tal-15 ta’ Ottubru 2009 il-konvenut nstab hati li saq b’manjiera traskurata u gie kkundanat ihallas multa ta’ €117 u gie skwalifikat mill-licenzja ghal 8 ijiem.

Fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2009 l-attriciipprezentat l-affidavits tas-segwenti xhieda:-

1. Charles Grima (s-sieheb ta’ ohtha Phyllis).

2. Ohtha Rose Mercieca li tixhed kif kienet prezenti ghal numru ta’ okkazzjoni fejn inqala’ l-inkwiet bejn il-partijiet. Hija tixhed kif rat it-tbengil u daqqiet fuq gisem l-

attrici, liema tbengil kien ghamilhomlha l-konvenut. Hija xehdet kif kienet takkumpanja lil ohtha B biex taghmel rapport lill-Pulizija. Rose Mercieca inoltre tixhed dwar numru ta’ incidenti fejn il-konvenut gie wara l-bieb taghha stess u beda jaghti daqqiet tas-sieq mal-bieb tant li ghamel hsara fl-istess bieb, fost ghajjat u theddid. Il-konvenut inoltre ghamel hsara fuq il-vettura kemm taghha kif ukoll tal-attrici.

3. Ohtha Phyllis Mercieca, fost ohrajn, xehdet dwar meta l-attrici talbitha twassalha r-Rabat meta l-private investigators li kienet qabbdet l-attrici kienu qabdu lill-konvenut f’karozza ma’ mara ohra

Fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2009 ipprezentat l-affidavits tas-segwenti xhieda.

1. Lydia Busietta, psychotherapist gewwa Dar Merhba Bik li segwiet lill-attrici kemm waqt li kienet Dar Merhba Bik (bejn 25 ta’ Lulju 2005 u 2 ta’ Awwissu 2005; bejn 19 ta’ Dicembru 2005 u 19 ta’ Frar 2006). kif ukoll meta harget mill-istess Dar. Hi xehdet li l-attrici kienet stqarret maghha li kienet imbezza’ mill-vjolenza tar-ragel.
2. Anne Cachia, direttrici ta’ Dar Merhba Bik minn Ottubru 2002 sa Settembru 2008 li xehdet li l-kaz ta’ l-attrici kien ilu jigu segwit mid-Domestic Violence Unit ta’ l-Appogg mill-24 ta’ Mejju 2004.

Ipprezentat affidavit addizzjonali ta’ Phyllis Mercieca u affidavit ta’ Lilian Azzopardi u Audrey Borg seduta stante fl-24 ta’ Frar 2009

3. Phyllis Mercieca tixhed li fit-8 ta’ Dicembru 2008 kienet mal-attrici meta rat lill-konvenut id f’id ma’ mara ohra gewwa l-Mac Donalds tal-ajruport. L-attrici kienet indikatilha li l-mara kienet Graziella.
4. Lilian Azzopardi, li hija gara tal-partijiet xehdet kif kienet tisma’ l-glied bejn il-partijiet u li fil-Milied tas-sena 2004 semghat daqqa’ kbira mal-hajt tal-appogg u wara ftit harget u rat lill-attrici barra bit-tfal tibki u dahlithom ghandha. L-attrici qaltilha li d-daqqa kbira mal-hajt kienet meta l-konvenut habtitlha rasha mal-hajt u hija steghet tara gundalla kbira f’rasha. L-istess xhud tghid li f’okkazzjoni ohra (Mejju 2005), l-attrici talbitha ccempel lill-

Pulizija, izda fil-pront gie l-konvenut qabad lill-attrici u fi kliemha 'kaxxkarha t-tarag kollu'

5. Audrey Borg, li hija gara ohra tal-partijiet xehdet li fl-20 ta' Mejju 2005 semghet lill-attrici tghajtilha biex tifthilha u ccempel lill-Pulizija u anki lit-tifel Carlston jitlobha tiftahlu. Meta harget rat lill-attrici fuq il-bankina tibki meta hareg il-konvenut 'b'idejh ma wiccha u jghajjat maghha'

Tresqu bhala xhieda mill-attrici is-segwenti:-

1. Spettur Alexander Grech (seduta 13 ta' Novembru 2008) li xehed li dak iz-zmien kienu ghaddejjin proceduri kriminali kontra l-konvenut quddiem il-Magistrat Anthony Vella.
2. PC1504 (seduta 13 ta' Novembru 2008) li pprezenta 29 rapport maghmula mill-attrici kontra l-konvenut..
3. Sr. Rosalind Seychell (seduta 13 ta' Novembru 2008) kap ta' Dar Merhba Bik li kkonfermat illi l-attrici fil-fatt kienet dahlet Dar Merhba Bik flimkien mat-tfal darbtejn – darba ghal perjodu ta ftit iktar minn xahar u darb' ohra (tlett snin qabel ma xedhet) ghal perjodu ta' tlett xhur.
4. Spettur Frans Cachia (seduta 16 ta' Dicembru 2008) li xehed dwar proceduri kriminali pendenti kontra l-konvenut
5. Spettur Victor Aquilina (seduta 16 ta' Dicembru 2008) li xehed dwar proceduri kriminali pendenti kontra l-konvenut.
6. Surgent 72 li esebixxa rapport li sar mill-konvenut kontra l-attrici
7. Stephanie Vella (haddiema socjali Child Protection Unit) li xehdet dwar l-allegat abbuz fuq il-minuri Jodie.
8. Spettur Kevin Farrugia (seduta 24 ta' Frar 2009) esebixxa 27 rapport maghmulin l-attrici kontra l-konvenut, kif ukoll tlett sentenzi li kienu diga pprezentati mill-attrici.
9. Direttur Generali tal-Healthcare Services li b'riferenza ghan-nota ezebita fis-seduta numru 7 minn Dr. Anna Mallia ddecifra l-kalligrafija kontenuta fic-certifikat a fol. 201 tal-process li jaqra '42 year old female allegedly beaten up by husband sustaining severe blows to head, chest and abdomen. Referred for chest X-rays from Health Centre to exclude rib fracture. No loss of consciousness but complaints of headache. No neck/back pain or abdominal pain. Complaint of severe right sided

chest pain'. Skond ic-certifikat kien jidher li d-dijanjosi kienet ta' 'mild head injury' u 'right rib fracture'. Ic-certifikat jinsab a fol 54 u 55 tal-process.

Gew ezebiti l-*medical records* ta' l-attrici.

Xehed ukoll Simon Debono in rapprezentanza ta' Sam Estates fejn xehed illi l-attrici rrizenjat mix-xoghol minhabba li l-konvenut heddidha li jibghat lil xi hadd jippoza ta' xerrej u joqtolha fil-post. Xehed ukoll li xi darbtejn giet ix-xoghol mbengla bi *black eye* u sinjali fuq ghonqa u idejha. Hi kienet qaltlu li kien zewgha li ghamlilha dan it-tbengil.

**Provi tal-Konvenut**

Min-naha tieghu il-konvenut ipprezenta kopji tas-segwenti sentenzi in sostenn tat-tezi tieghu li skond hu ma kkommettiex vjolenza fil-konfront tal-attrici:-

i. Sentenza tat-12 ta' Frar 2007 fejn il-konvenut wara li gie akkuzat li i) hebb ghall-attrici u kkagunala feriti ta' natura hafifa u 2) ingurja u hedded lill-attrici u 3) hedded lill-attrici b'oggett bil-ponta, gie liberat mill-ewwel akkuza filwaqt li t-tieni u t-tielet akkuza gew dikjarati preskritti.
ii. B'sentenza tat-2 ta' Ottubru 2007 gie liberat minn akkuza ta' ksur tal-paci pubblika u li hedded bil-mewt lill-attrici u lil ohtha.
iii. B'sentenza tad-19 ta' Frar 2007, wara li l-konvenut kien gie akkuzat li fit-13 ta' Dicembru 2006 ingurja u hedded lill-martu, il-procediment kontra l-konvenut kien gie dikjarat ezawrit wara verbal li kien sar fl-atti.
iv. B'digriet tas-6 ta' Marzu 2007 gie dikjarat ezawrit il-procediment kontra l-konvenut fejn kien gie akkuzat li ghamel uzu hazin ta' apparat tat-telekomunikazzjoni u dan wara li l-konvenut bla pregudizzju obbliga ruhu li ma jimmolestax lill-parte civile Felicia Mercieca.
v. B'sentenza tal-5 ta' Gunju 2007 kien gie liberat minhabba konflitt ta' provi minn akkuza li hedded lil B C u lil Charles Grima u li ghamel uzu hazin minn mezzi ta' telekomunikazzjoni.

vi. B’sentenza tas-26 ta’ Gunju 2007, wara li l-attrici irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali, il-Qorti illiberatu minn akkuza li uzu apparat tat-telekomunikazzjoni hazin filwaqt li ddikjarat bhala ezawrit il-procediment fir-rigward tal-akkuza ta’ ingurja kontra l-attrici u t-tifla minuri.

vii. B’sentenza tal-15 ta’ Novembru 2006 il-konvenut kien gie liberat minn akkuza li fil-25 ta’ Gunju 2006 insulenta u hedded lil Rose Mercieca bil-mezz tat-telefon.

Il-konvenut pprezenta dikjarazzjoni mahlufa[1] fejn jattribwixxi htija lill-attrici minhabba sevizzi, ingurji gravi, akkuzi foloz, theddid u vjolenza fizika u morali u anki minhabba adulterju. Il-konvenut jikkonferma li l-hajja matrimonjali kienet relattivament normali sa meta faqghet il-kwistjoni ta’ l-allegat abbuz ta’ oht il-konvenut fuq il-minuri Jodie. Skond il-konvenut minn dakinhar nibdet problema ta’ sfiducja tal-attrici fih, li baqghet qatt ma giet rizolta. Il-konvenut jghid li l-attrici bdiet turi sinjali ta’ instabbilita’ mentali u bdiet tiffissa fuq ghadd ta’ affarijiet. Jghid ukoll illi hi kienet twaddabblu affarijiet u hu kien ikollu jiddefendi ruhu. Jghid ukoll li l-attrici telqet mid-dar bit-tfal diversi drabi u ccahdu anki ghal diversi xhur milli jara lit-tfal.

Fl-affidavit tieghu[2] l-konvenut jghid illi l-gherusija tal-partijiet kienet normali minkejja li seta’ jinnota li l-attrici gieli tghawweg il-fatti. Inoltre jsemmi li l-attrici kienet thoss li ma kienitx ben accettata minn ommu peress illi hija kienet tahdem gewwa fabbrika. Jirrakkonta illi fl-ewwel snin taz-zwieg kienu tajbin ghajr ghal xi diffikultajiet finanazjarji. Ir-relazzjoni mal-familji jispettivi kienu tajbin ukoll. Jghid ukoll li l-genituri tieghu halsulhom ghal tlett safriet. Il-konvenut jilmenta inoltre mill-fatt li l-attrici kienet tirrifjuta li taqta’ s-sigaretti anki tul it-tqala.

Il-konvenut jilmenta illi minhabba li l-attrici kienet irrizenjat mix-xoghol, spicca bil-piz finanzjarju kollu fuqu u kellu jaghmel xoghol part-time u overtime.

[1] Fol.22

[2] Fol.125

Mill-affidavit tal-konvenut jidher illi l-problemi gravi inqalghu minhabba l-allegazzjoni tal-attrici kontra oht il-konvenut rigwardanti l-minuri Jodie. Huwa jikkonferma li l-attrici kienet ikkonfrontatu b'dak li qalet li rat lit-tifla taghmel, izda jidher li l-konvenut kellu dubji dwar il-veracita ta' dak li kienet qed tghidlu l-attrici. Fi kliemu 'stajt nobsor li din kienet wahda mill-hafna qlajjiet tal-mara tieghi'[3]. Skond il-konvenut ma tatux cans ikellem lil ohtu u lill-genituri tieghu u qabdet u marret hi tghajjarhom u tiggieled maghhom. Minhabba f'hekk hu spicca diversi xhur ma jersaqx lejn id-dar tal-genituri tieghu.

Il-konvenut jirrakkonta li kif kien jirritorna d-dar kien isib lill-attrici li kienet tipprovokah, tidghi u tghajru li kien mar ghand il-genituri tieghu. Il-konvenut pprezenta traskrizzjoni ta' konversazzjoni bejnu u bejn l-attrici liema traskrizzjoni ittiehdet mill-konvenut wara li avza lill-attrici li kien ser jirrekordjaha.

Il-konvenut jispjega l-agir tieghu fir-rigward ic-cirkostanzi fejn investigaturi privati inkarigati mill-attrici kienu segwew lill-konvenut meta huwa kien fil-karrozza tieghu ma' mara ohra fir-Rabat. L-attur jispjega li din il-mara kienet kollega tax-xoghol tieghu li kien ser iwassalha d-dar wara attivita' tax-xoghol taghhom, il-BOV Talent Show li kien ittella Sant' Agatha r-Rabat u li din il-mara kienet residenti ir-Rabat u ma kenitx issuq. L-attur spjega kif huwa u din il-kollega tax-xoghol tieghu qaghdu jistennew lill-attrici tasal fuq il-post sabiex jispjegawlha quddiem l-investigaturi privati ic-cirkostanzi ghaliex kienu qeghdin hemm.

Wara ftit bdew il-proceduri ta' medjazzjoni pero' kienu gew sospizi minhabba tentattiv ta' rikonciljazzjoni li baqghet ma sehhitx.

Il-konvenut jaghti l-verzjoni tieghu tal-incidenti ta' qabel il-precett tat-tifla. Skond hu l-attrici bdiet tinsultentah il-

[3] Fol.128

Gimgha filghaxija hekk kif wasal lura mix-xoghol u telqet mid-dar biex marret tghix fid-dar tal-habib t'ohtha. Skond il-konvenut l-attrici kienet biddlet id-data tal-Precett mill-Hadd ghas-Sibt u skond hu l-attrici kienet ppjanat minn qabel biex titlaq mid-dar u ma telqitx minhabba li sawwatha. Wara xi ftit jiem hija marret Dar Merhba Bik biex fi kliem il-konvenut taghmilha tal-vittma. Wara xi gimghat l-attrici kienet irritornat id-dar u hu rega' accettaha lura.

Il-konvenut jghid li l-attrici riedet tehles minnu u ghalhekk kienet ivvintat l-istorja tas-swat.

Il-konvenut jghid ukoll illi l-attrici telqet ghal kollox mid-dar fil-Gimgha l-Kbira tas-sena 2006. Skond hu l-attrici kienet ilha tippjana li titlaq u anki din id-darba ma telqitx minhabba swat.

In sostenn tal-verzjoni tieghu, l-konvenut jipproduci l-affidavit kongunt tal-genituri tieghu li jixhdu kif huma kienu laqghu lill-attrici fil-familja u kienu dejjem ta' sostenn ghalihom it-tnejn, kemm finanzjarjament, kif ukoll fit-trobbija tat-tfal. Il-genituri tal-konvenut jilmentaw kif ir-rispett taghhom lejn l-attrici ma kienx rikambjat u jirrakontaw episodji fejn l-attrici qalghet argumenti fuq haga jew ohra. Skond il-genituri tal-konvenut l-attrici kienet tuza lit-tfal biex tweggaghhom u kienet iccemplilhom biex tghidilhom li kienet qed isawwat lit-tfal. Skond il-genituri tal-konvenut l-attrici kellha 'certu ghejra ghal kulhadd'[4] u kienet tivvinta affarijiet fuqhom u anki fuq il-familja taghha.

Il-konvenut ipprezenta ukoll l-affidavit ta' ohtu Olwyn li tghid li ghal zmien twil kellha relazzjoni tajba hafna ma' l-attrici. Hi tghid li kienet tqisha bhala ohtha u l-attrici min-naha taghha kienet thobbha hafna. Hi tghid li darba rritornat id-dar u sabet lill-attrici titkellem ma' ommha u takkuzaha (lil Olwyn) li kienet qed tizfen gharwiena quddiem it-tfal. Oht il-konvenut tghid illi ghall-ewwel ma

[4] Fol. 214

haditx lill-attrici bis-serjeta, imma meta l-attrici bdiet tinsiti bl-akkuzi hija hadet ghaliha. Hi tkompli li wara dakinhar ma baqghux jitkellmu.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2010 il-konvenut ipproduca bhala xhud lil PS564 li esebixxa rapporti li saru mill-konvenut fil-konfront ta' l-attrici.

Dr George Debono xhed fis-seduta tal-20 ta' April 2010 u spjega li kien ippreskriva Deanxit u Tryptizol lill-attrici u li dawn id-dozi preskritti huma baxxi hafna u jindikaw jew acute stress jew mild depression.

**Vuci tal-Minuri**.

Fil-kors tal-kawza il-Qorti appuntat bhala Avukat tat-Tfal lil Dr Mary Muscat. Hija ipprezentat rapport[5] minn fejn jirrizultaw l-effetti negattivi fuq il-hajja taz-zewg minuri ulied il-partijiet kagun tal-konflitt kontinwu tal-partijiet fuq medda ta' snin. Iz-zewg minuri tkellmu mal-Avukat tat-Tfal f'Ottubru 2011 meta it-tifel kellu sittax-il sena filwaqt li t-tifla kellha tlettax-il sena. Iz-zewg minuri jidhru li jaccettaw l-i*status quo* prezenti taghhom fis-sens li t-tifla tirrisjedi mal-omm filwaqt li t-tifel jirrisjedi mal-missier.

It-tifla minuri irrakkontat b'certu dettal id-diversi incidenti fejn hi tghid li rat lill-missierha isawwat lill-ommha. It-tifel minuri ma dahalx f'daqshekk dettal izda wkoll irrefera ghas-swat ta' missierhom fuq l-attrici ommhom fil-presenza tal-minuri.

Din il-Qorti kif preseduta semghat ukoll lill-minuri viva voce in camera fit-12 ta' Novembru 2012 fejn gie konfermat illi l-minuri ma xtaqux jibdlu l-arrangament prezenti rigwardanti residenza rispettiva u access.

**KONSIDERAZZJONIJIET**.

[5] Fol.385 et seq

Hemm qbil bejn matul l-ewwel hdax-il sena taz-zwieg taghhom il-partijiet ma kellhomx xi problemi partikolari bejniethom. Ir-relazzjoni bejn l-attrici u l-genituri tal-konvenut mhux dejjem kienet wahda ottima izda id-disgwid ma kienx jilhaq xi livell distruttiv.

Gara izda illi fil-hdax il-sena miz-zwieg taghhom, u cioe' ghal habta tas-sena 2002, l-attrici oggezzjonat bi kbir ghal dak li skond hi ikkommettiet oht il-konvenut. Tali atti, jekk sehhew, jistghu jitqiesu bhala korruzzjoni ta' minorenni minn adult.

Fix-xhieda taghha oht il-konvenut tichad bil-qawwa kollha din l-allegazzjoni fil-konfront taghha.

Meta l-Avukat tat-Tfal tkellmet maz-zewg minuri dawn urew riluttanza li jitkellmu fuq dan is-suggett.. Mhux l-istess pero' fir-rigward tal-vjolenza fizika subitha minn ommhom minn taht idejn missierhom. It-tnejn spjegaw li kienu xhieda ta' ommhom tissawwat minn missierhom.

Fil-verita' it-testimonjanza tat-tfal tal-partijiet toqghod perfettament fix-xenarju li wiehed jigi rinfaccjat bih meta jaqra il-lista' ta' sentenzi li fihom il-konvenut instab hati ta' atti kriminali fil-konfront tal-attrici. Ghalkemm l-konvenut baqa' sal-ahhar jichad li huwa kien vjolenti mal-attrici, il-fatti juru mod iehor. Is-sentenzi li sabu lill-konvenut hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu relatati ma' vjolenza fizika jew morali fil-konfront tal-attrici huma wisq fin-numru u ghalhekk juru li l-agir vjolenti tal-konvenut jammonta ghal "habitual violence". Il-fatt li nstab hati diversi drabi li kien vjolenti fil-konfront ta' martu u xorta wahda jkompli jinnega li kien vjolenti lejha fil-verita' jkompli jaggrava l-posizzjoni tal-konvenut f'ghajnejn il-Qorti in kwantu jidher bic-car li mhux biss ikkometta atti vjolenti fil-konfront tal-attrici u nstab hati taghhom, izda wkoll li m'ghandu l-ebda rimors.

Ghall-Qorti episodju wiehed ta' vjolenza domestika kien ukoll ikun inaccettabbli, *multo magis* sensiela ta' atti vjolenti kif rajna aktar qabel. Il-konvenut jiddefendi ruhu billi jghid li jekk kien hemm xi okkazzjoni fejn qabez il-limiti

dan kien rizultat ta' provokazzjoni da parti tal-attrici. Lanqas dan l-argument ma hu accettabbli ghall-Qorti.

Huwa veru li mir-recordings li l-konvenut ezebixxa f'dawn l-atti id-diskors tal-attrici mal-konvenut huwa wiehed disgustanti ghall-ahhar, mimli, tghajjir, dagha, akkuzi, insulti, theddid u kliem degradanti iehor. Izda tali agir skorrett da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut u fil-presenza tal-minuri ma jiggustifikax l-agir vjolenti tal-konvenut. Ksur tal-ligi ma jigiex korrett bi ksur tal-ligi iehor..

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut huwa hati li bl-agir vjolenti tieghu fil-konfront tal-attrici huwa irrenda ruhu responsabbli ghat-tkissier taz-zwieg tal-partijiet.

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tezamina jekk l-agir tal-konvenuta ikkontri bwixxiex ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

Mill-aspett probatorju, l-allegazzjoni tal-attrici li oht il-konvenut kienet ikkorrompiet lil bint il-partijiet baqghet ma gietx ippruvata. Fiz-zmien l-allegat incident l-attrici ma talbet lil hadd biex jinvestiga u ghalhekk il-Qorti rinfaccjata bic-cahda ta' oht il-konvenut fuq naha, u allegazzjoni mhux sorretta minn ebda prova min-naha l-ohra, m'ghandiex triq ohra hlief li tiddikjara li tali allegazzjoni ma gietx sostanzjata.

Jirrizulta li fiz-zmien meta skond l-attrici sehhew il-fatti allegati fil-konfront ta' oht il-konvenut, l-attrici ma talbet l-ebda assistenza specjalizzata, la medika u lanqas legali. Ir-rapport ghamlitu tlett snin wara ghaliex qalet li ma kenitx taf li setghat taghmel rapport fuq hwejjeg simili. Minflok rapport l-attrici ikkonfrontat lil oht il-konvenut li min-naha taghha cahdet, kif baqghet tichad matul din il-kawza. Is-soluzzjoni tal-attrici kienet li t-tfal tal-partijiet ma jersqux ghand in-nanniet paterni fejn kienet tirrisjedi oht il-konvenut.

Ma ntalbet l-ebda ghajnuna specjalizzata sabiex jekk verament il-minuri sofriet oltragg ghall-innocenza taghha

kien jittiehed rimedju fl-immedjat wara l-allegat incident,. Tali nuqqas da parti tal-omm prattikament elimina l-possibilita' li ssir verifika oggettiva jekk dak allegat sehhx verament.

Il-konvenut anke f'dan ir-rigward naqas drastikament. Minflok ipprova jifhem lill-attrici dwar l-inkwiet li hija kienet qed testerna, hadha kontra taghha u iddecieda li din kienet qlajjha taghha. Minn hemm tkissret darba ghal dejjem il-fiducja ta' bejn il-konjugi partijiet.

Ma rrizultax li xi hadd mill-partijiet kellu problemi psikjatrici u l-Espert Mediku il-Psikjatra Dr Joseph Cassar jikkonferma li l-problemi matrimonjali tal-partijiet kellhom l-origini taghhom meta dahal is-suspett ta' l-allegat abbuz fuq it-tifla minuri. "Minn hemm nibtet problema ta' fiducja bejn il-partijiet li bdiet 'snowball effect' li minnha ma hemmx ritorn lura."[6]

Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-abbli Perit Legali li t-tort kollu ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet kien unikament il-konvenut. Il-komportament hazin tal-attrici fil-konfront tal-konvenut jidher li kien konsegwenza tat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet u mhux il-kagun.

**Adulterju**.

Il-partijiet jakkuzaw lil xulxin li ikkommettew adulterju.

Ghalkemm il-konvenut akkuza lill-martu b'adulterju mas-sieheb ta' ohtha, l-unika prova li ressaq kien ritratt hdejn l-Ajruport ta' Malta li fih jidhru l-attrici, ohtha u s-sieheb taghha. Dan certament ma jammontax ghal xi prova fid-direzzjoni tal-allegazzjoni tal-konvenut.

L-attrici takkuza lill-konvenut b'adulterju u fix-xhieda taghha tirreferi ghal diversi sms's amoruzi mibghuta lill-konvenut. Tirreferi wkoll ghall-episodju tal-investigaturi privati u l-kollega mara tal-konvenut li kienet fil-karrozza

[6] Fol. 145

tal-konvenut wara attivita' tax-xoghol taghhom fir-Rabat. Il-fatt li meta rinfaccjati bl-investigaturi privati sew il-konvenut u sew dik il-mara qaghdu jistennew lill-attrici tigi mid-dar sar-Rabat sabiex jispjegawlha ic-cirkostanzi kif dik il-mara kienet fil-karrozza tal-konvenut, jirrendu l-verzjoni tal-konvenut verosimili. Ragel mizzewweg li jinqabad in flagrante jikkommetti adulterju normalment ma joqghodx jistenna lil martu tigi min post iehor sabiex jirrinfacjaha u jichad.

L-avvistament tal-konvenut id f'id ma' certu Graziella sehh fit-8 ta' Dicembru 2008, diversi xhur wara li l-kawza kienet giet intavolata u zmien sew wara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien tkisser irrimedjabbilment u meta l-partijiet kienu diga separati *de facto*.

Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet peritali f'dan ir-rigward u hija tal-fehma illi mill-provi imressqa hadd mill-partijiet ma rnexxilu jipprova li gie kommess adulterju li wassal ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

**Kura u Kustodja taz-zewg Minuri**.

Apparti l-veduti tal-minuri kif espressi fir-rapport tal-Avukat tat-Tfal, il-Qorti semghat liz-zewg minuri viva voce f'udjenza *in camera* fit-12 ta' Novembru 2012.

Carltson John twieled fit 19 ta' Mejju 1995 u Jodie li twieldet fit-13 ta' Lulju 1998.

Permezz ta' digriet tal-15 ta' Mejju 2008 (fol 51 tal-process fl-ismijiet inversi), il-kura u kustodja tat-tifel giet fdata f'idejn il-konvenut filwaqt illi l-kura u kustodja tat-tifla giet fdata f'idejn l-attrici.

Illi fis-6 ta' Lulju 2011 l-attrici ipprezentat rikors ghall-varjazzjoni ta' l-access. Din l-Onorabbli Qorti kienet

cahdet it-talbiet ta' l-attrici u ordnat illi l-access ikun wiehed konkordat mat-tfal[7].

Illi mir-rapport tal-Avukat tal-Minuri pprezentat fit- 28 ta' Ottubru 2011[8] jirrizulta li z-zewg minuri jippreferu l-*istatus quo* prezenti u jixtiequ li jinghataw l-ispazju fl-arrangjament dwar l-access mill-genituri taghhom.

Carlston innega li xi darba l-attrici harqitu bis-sigarett.

Jodie ma xtaqitx li terqa' tqanqal il-kwistjoni ta' zijitha.

Illi tenut kont tax-xewqat tal-minuri u tenut kont illi t-tfal ilhom jsofru l-konsegwenzi tal-piki da parti taz-zewg genituri taghhom li f'certu perjodi it-tnejn li huma ma tawx access lill-minuri ghall-genitur l-iehor hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li t-tifel jibqa' fil-kura u kustodja ta' missieru l-konvenut u t-tifla tibqa' fil-kura u kustodja ta' ommha l-attrici. L-access rispettiv ghandu jigi akkordat mal-minuri kif sar s'issa. Fin-nuqqas u sakemm ma tinghatax ordni ohra tal-Qorti ghandu japplika id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru 2012[9] b'modifika fis-sens li t-tifel jara lill-ommu l-attrici nhar ta' Hadd mis-1.00pm sas-7.00pm.

**Manteniment pretiz mill-attrici**.

Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2008, l-attrici pprezentat ittra minghand Sam Estates li tindika li l-introjtu ta' l-attrici minghand l-istess agenzija ghall-perjodu kollu li kienet tahdem ma' Sam Estates kien ta' Lm280. Hija waqqfet tahdem fl-20 ta' Ottubru 2008.

Fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2008 xehed ir-rapprezentant ta' l- ETC u skond ix-xhieda tieghu ma rrizultax li l-attrici kienet qed tahdem fiz-zmien li xehdet.

---

[7] Fol.382

[8] Fol.385

[9] Fol.345

Mix-xhieda tar-rapprezentant Simon Estates prodott mill-konvenut moghtija fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2009, jirrizulta illi l-attrici kienet tahdem ma' l-agenzija sa' Ottubru 2005 meta rrizenjat. Hi b'kollox dahlet Lm280 u kienet bieghet post wiehed biss.

Xehed rapprezentant ta' ST Micro Electronics prodott mill-konvenut (25 ta' Gunju 2009) dwar l-impjieg li kellha l-attrici sa' Mejju 2001.

Xehed rapprezentant tad-Dipartiment ghas-Sigurta Socjali (DSS) prodott mill-konvenut (25 ta' Gunju 2009) dwar beneficcji li kienet qed tircievi l-attrici. Dak iz-zmien kienet qed tircievi €46.88 fil-gimgha flimkien ma €3.12 fil-gimgha bonus addizzjonali u €135.1 bonus kull tlett xhur. Dan l-ammont huwa bbazat fuq ir-rata ta' manteniment li kienet qed tircievi l-attrici.

Ir-rapprezentant tad-DSS (Children's Allowance) prodott mill-konvenut (25 ta' Gunju 2009)  xehdet li l-attrici qed tircievi €508.30 kull sitt xhur bhala children's allowance ghal minuri wiehed.

Il-konvenut jahdem bhala Senior IT Support Officer ma' bank lokali u l-impjieg tieghu mhuwiex ta' grad manigerjali[10].  Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2008 xehed rapprezentant tal-bank fejn jahdem il-konvenut. li pprezenta FS3s tal-konvenut. Il-konvenut dak iz-zmien kellu paga gross ta' €2,120 fix-xahar.

Xehed rapprezentant ta' l-ETC fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2008 li minbarra x-xoghol mal-Bank of Valletta, il-konvenut kellu ukoll impjieg *part-time*.

Permezz ta' digriet tas-6 ta' Novembru 2006 il-konvenut kien gie ordnat ihallas Lm 225 fix-xahar bhala manteniment ghall-attrici u Lm150 fix-xahar ghall-minuri Jodie u b'digriet tal-11 ta' Awwissu 2008[11] din il-Qorti

---

[10] Fol.317

[11] Fol.138 fil-process tal-kawza fl-ismijiet inversi.

irriduciet il-manteniment tal-mara ghal €140 kull erba' gimghat filwaqt li l-manteniment tat-tifla kellu jibqa' €349.40.

L-attrici kienet talbet ghal zieda fil-manteniment ghall-minuri tenut kont ta' l-ispejjez tat-tifla, pero din l-Onorabbli Qorti kienet cahdet it-talba permezz ta' digriet moghti fil-5 ta' Frar 2009, filwaqt li osservat li l-kwistjoni tal-manteniment kienet provvizorjament ampjament ventilata fil-kawza fl-ismijiet inversi..

Fl-24 ta' Lulju 2009 il-konvenut kien talab li l-manteniment ghal martu jieqaf minhabba li kapaci tahdem, kif ukoll talab li l-manteniment ghall-minuri Jodie jieqaf minhabba li hu kien qed jmantni lill-minuri Carlston. Din il-Qorti kienet cahdet dawk it-talbiet permezz ta' digriet moghti fit-28 ta' Lulju 2009 u osservat illi l-manteniment ghall-attrici kien relattivament baxx u l-kumplament tal-manteniment huwa ghal bzonnijiet tat-tifla.

Kif tajjeb osservat il-Perit Legali, minkejja li l-attrici prezentement ma tahdimx, hija ghandha l-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu. Ghandu jigi kkunsidrat ukoll li llum il-gurnata, t-tifla, ghalkemm ghadha minorenni, ghandha 'l fuq minn erbatax-il sena u ghalhekk mhijiex ta' xkiel sabiex l-attrici ssib impjieg bi qliegh. Inoltre l-attrici kienet tahdem regolarment sew qabel kif ukoll wara z-zwieg. Tenut kont illi l-attrici ghamlet xi zmien nieqsa mid-dinja tax-xoghol u tenut kont tal-htiega li titharreg biex ittejjeb l-hiliet taghha u b'hekk terga' tirrientigra ruhha fid-dinja tax-xoghol wara li ghamlet diversi snin wieqfa, u tenut kont inoltre ta' l-introjtu mensiili tal-konvenut, il-Qorti taqbel mal-opinjoni espressa mill-Perit Legali ili l-manteniment ta' €140 kull erba' gimghat ghall-attrici ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut ghal perijodu limitat u definit. Il-Qorti hi tal-fehma li dan il-perijodu ghandu jkun ta' tlett snin millum wara liema perjodu l-manteniment ghall-attrici ghandu jieqaf.

**Manteniment ghall-Minuri**

Kif rajna, prezentement il-konvenut qed ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Jodie is-somma ta' €349.50 kull xahar. Tenut kont l-gholi tal-hajja u z-zidiet li l-konvenut kellu tul dawn l-ahhar snin, il-Qorti hi tal-fehma li l-manteniment tal-minuri Jodie ghandu jkun ta' €100 fil-gimgha li jizdied annwalment skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja liema rata gdida ghandha tidhol fis-sehh fl-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Dan il-manteniment lil Jodie ghandu jibqa' jithallas wara li hija taghlaq it-tmintax-il sena jekk u sakemm tkun qed issegwi kors ta' studju *full-time*.

Il-konvenut ghandu jibqa' responsabbli ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri Carlston kif ilu jaghmel ghal numru ta' snin.

**KOMUNJONI TA' L-AKKWISTI**

Il-Perit Legali ghamlet rassenja dettaljata tal-provi rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti u/jew assi parafernali tal-partijiet li hi s-segwenti:-

1. Rapprezentant HSBC (3 ta' Ottubru 2008 u 25 ta' Frar 2010). Irriuzltaw illi l-kontijiet f'isem il-partijiet inghalqu zmien qabel ma bdew il-proceduri.
2. Rapprezentant Global Capital (3 ta' Ottubru 2008). Ma rrizulta xejn.
3. Rapprezentant APS (3 ta' Ottubru 2008 u 25 ta' Frar 2010). Ma rrizulta xejn.
4. Rapprezentant Borza ta' Malta (3 ta' Ottubru 2008). Ma rrizulta xejn.
5. Lombard Bank (3 ta' Ottubru 2008 u 25 ta' Frar 2010). Ma rrizulta xejn.
6. Bank of Valletta (3 ta' Ottubru 2008, 29 ta' April 2009 u 25 ta' Frar 2010). Irrizultaw s-segwenti kontijiet:

a. Kont ta' self f'ismijiet kongunti li thallas fis-6 ta' Frar 2004 (MTB2)
b. Kont ta' Self f'ismijiet kongunti (MTB1) li fi tmien is-sena 2007 kellu bilanc ta' Lm 4,151.20 ekwivalenti ghal €9,669.69. Skond Dok JBC 1 fit-22 ta' Dicembru 2009 il-bilanc kien ta' €8,354.91.

c. Kont f'isem A C (a/c Carlston MTB3) li f'Jannar 2008 kellu bilanc negattiv ta' €9.32. Jirrizulta li minn dan il-kont kienet qed tithallas polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-Middlesea. Dok JBC3 huwa rendikont aggornat ta' l-istess kont li juri li fit-22 ta' Dicembru 2009 il-bilanc f'dan il-kont kien ta' €0.01

d. Kont f'isem A C (a/c Jodie MTB4) li f'Jannar 2008 kellu bilanc ta' €18.48. Jidher li dan il-kont kien qed jintuza biex tithallas polza ta' assigurazzjoni f'isem Jodie C. Skond Dok JBC 4 li huwa rendikont aggornat ta' l-istess kont il-bilanc fit-22 ta' Dicembru 2009 kien ta' €519.01

e. Kont f'isem A C (MTB 5) li inghalaq f'Awwissu 2007.

f. Kont f'isem AC (MTB 6) li f'Mejju 2008 kellu bilanc ta' €216.79. Skond Dok JBC 6 fit-22 ta' Dicembru 2009 il-bilanc kien ta' €541.44

g. Kont f'isem B C (Young Savers Account f'isem Carlston MTB7) li inghalaq f'Gunju 2007 meta kellu bilanc ta' Lm5.97.

h. Kont f'isem B C (young Savers Account f'isem Jodie MTB8) li f'Jannar 2008 kellu bilanc ta' €14.05.

i. Kont f'isem B C (A/C Carslton MTB 9) li f'Jannar 2008 kellu bilanc ta' €14.

j. Kont f'isem D C (MTB 10) li fit-28 ta' Dicembru 2001 kellu bilanc ta' €194.93.

k. Kont f'isem D C (MTB 11) li fil-21 ta' Novembru 2007 kellu bilanc ta' €2,110.46

l. Kont ta' self f'isem D C (MTB12) li kien inghalaq f'April 2003.

m. Kont f'isem D C (MTB 13) li f'Jannar 2008 kellu bilanc ta' €1,219.45.

7. Rapprezentant ADT (16 ta' Dicembru 2008). Jirrizultaw zewg vetturi – Kia Mentor CJS022 f'isem il-konvenut u vettura CJV – 019 li kienet intestata f'isem il-konvenut sal-5 ta' Mejju 2008 meta giet trasferita f'isem terzi.

8. Rapprezentant Gasan Mamo (25 ta' Gunju 2009 u 29 ta' Settembru 2009) – Xehed li l-vettura CJV 019 kienet *wreck* u *total loss* u l-assigurazzoni kienu offrew €2,900 lill-attrici. F'kaz pero li hija ma tiehux r-*wreck* l-ammont li jithallas ikun ta' €3,800. Peress illi kien hemm claim fuq vettura ta' Rose Mercieca minhabba hsara volontarja li twettqet mill-konvenut, l-assigurazzjoni

inghata parir li tnaqqas is-somma ta' €616.92 mis-somma offerta lill-attrici ghall-vettura CJV019. Inoltre, l-konvenut kien hareg mandat ta' sekwestu u ghalhekk l-assigurazzjoni kienet ghada ma hallset xejn lill-attrici. L-assigurazzjoni kienu naghtu claim form lill-konvenut pero hu qatt ma baghtilhom l-claim form iffirmata lura.

9. Rapprezentatrici tal-Malta Stock Exchange prodott mill-konvenut (25 ta' Frar 2010) –Irrizultaw li hemm 600 sehem fil-Global Capital plc f'isem l-partijiet.

10. Rapprezentant Banif Bank (25 ta' Frar 2010) Ma irrizultawx kontijiet f'isem l-attrici.

11. Rapprezentant Valletta Fund Management (12 ta' Novembru 2010 u 26 ta' Novembru 2010) – Irrizulta li kien hemm kont f'isem il-partijiet konguntivament li inghalaq fid-9 ta' Settembru 2008. Il-fondi (£4,757.99) kienu gew zbankati mill-attrici. Il-fondi originarjament kienu gew investiti fis-sena 1998 minn kont f'isem l-attrici.

**Mobbli fid-Dar Matrimonjali**.

Illi fin-nota guramentata tieghu D C (fol 33 tal-process 128/08NC) jelenka l-mobbli prezenti fid-dar matrimonjali li b'kollox jammontaw ghal €13,498.70. La l-elenku u lanqas il-valuri ma gew ikkontestati

Skond il-verbal ta' l-10 ta' Gunju 2009 (fol 205 tal-process tal-kawza fl-ismijiet inversi) gie iddikjarat li D C m'ghandux oggezzjoni li A C tiehu z-zewg magni tal-hjata li kienu jinsabu fid-dar matrimonjali u kien impenja ruhu li jikkonsenja l-istess lil B C.

**Id-Dar Matrimonjali**.

Skond il-verbal tat-12 ta' Mejju 2010 (fol 123 ta' dan il-process u fol 227 tal-process tal-kawza fl-ismijiet inversi) – Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi kien hemm qbil bejn il-partijiet li d-dar matrimonjali tinbiegh ghal prezz ta' mhux anqas minn €372,699.74 (Lm160,000)

Il-gid principali formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet jirrizulta li hi d-dar matrimonjali. Din il-proprjeta ghandha

titqieghed ghall-bejgh fuq is-suq miftuh ghall-prezz ta' mhux inqas minn €372,699.74. Stante li l-proprjeta' immobiljari ma tistax tinqasam ugwalment bejn il-partjiet huwa mehtieg li d-dar matrimonjali tinbiegh sabiex ir-rakavat jigi spartit bejn l-istess partijiet. Huwa fl-interess tal-partijiet li l-fond immobiljari jinbiegh bl-ahjar prezz possibbli. Ghalhekk il-Qorti qed tordna li d-dar matrimonjali ma titpoggiex ghal bejgh bis-subbasta qabel sena millum sabiex taghti lill-partijiet l-opportunita' li jbieghuwha fis-suq miftuh. Jekk il-partijiet ma jirnexxilhomx ibieghuh fi zmien sena millum, il-konvenut ghandu jivvaka minn dan il-fond taht penali ta' mitt ewro (€100) kuljum pagabbli lill-attrici irrispettivament meta d-dar tinbiegh. Kull parti tkun libera li wara l-iskadenza tal-imsemmija sena minghajr ma jsir il-bejgh, titlob il-Qorti sabiex il-fond jinbiegh bis-subbasta u bhala valur tal-proprjeta' tittiehed is-somma ta' tlett mija u hamsin elf ewro (€350,000).

L-attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha (pagna 3) tissottometti illi ir-rikavat m'ghandux jinqasam ugwalment bejn il-partijiet izda ssostni li ghandha tiehu aktar b'applikazzjoni tal-artikoli 48, 51 u 52 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikoli invokati mill-attrici jipprovdu dan li gej:-

*48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -*
*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ,*

*għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.*

*51. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin flartikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

*52. Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal*
*wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.*

Jigi rilevat li l-artikolu 825, 826 u 827 gew revokati bl-Att XVIII tal-2004. Artikolu 633 jirreferi ghad-dritt ta' armel jew armla li jibqghu jirrisjedu fid-dar matrmonjali wara l-mewt tal-konjugi u artkolu 631 jirreferi ghal dritt tal-armla jew armel ta' kwart mill-gid tal-konjugi pre-morjent. Fic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li mal-pronunzjament tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet iz-zewg partijiet ghandhom jitilfu id-dritt tal-legittima minghand xulxin.

Dwar il-pretensjoni tal-attrici li tircevi aktar mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, l-artikoli minnha citati ma jsostnux il-pretensjoni taghha.

Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti illi r-rikavat tal-bejgh,wara li jigi saldat id-dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti,

ghandu jinqasam bejn il-partijiet f'ishma indaqs bejniethom. Ghaldaqstant mir-rikavat tal-bejgh ghandu l-ewwel jithallas kwalsiasi dejn li jista' jkun ghad fadal fuq il-kont tas-self mal-Bank of Valletta p.l.c. (MTB 2). Il-bilanc ghandu jinqasam f'ishma ugwali bejn il-partijiet.

Sakemm tinbiegh id-dar il-konvenut ghandu jibqa' unikament responsabbli ghar-ripagamenti tas-self fuq l-istess kont minghajr ebda dritt ta' kumpens u/jew rifuzjoni da parti ta' l-attrici u dan peress illi kien il-konvenut illi gawda l-uzu tad-dar matrimonjali fuq perijodu ta' snin kemm ilha li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali. Il-konvenut ghandu wkoll jibqa' unikament responsabbli ghall-kontijiet kollha ghal servizzi fid-dar matrimonjali.

**Ishma**.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija is-sitt mitt (600) sehem fil-Global Capital p.l.c ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet kif ghandhom ukoll jigu divizi l-ishma tal-partijiet mal-Bank of Valletta p.l.c.

Il-Qorti tadotta l-qasma tal-mobbli kif proposta mill-Perit Legali li hi s-segwenti:-

**Porzjoni A** li ghandha tigi assenjata lill-mara:
i) Il-fondi li kienu mizmuma mal-Valletta Management Fund li kienu gew zbankati mill-attrici (£4,757.99 ekwivalenti ghal €5948.96)..
ii) Il-kont intestat f'isem l-attrici li r-rendikont relattiv tieghu kien ezebit u mmarkat MTB6.

**Porzjoni B** li ghandha tigi assenjata lir-ragel:
i) Id-drittijiet ta' kumpens minghand l-assigurazzjoni ghall-vettura CJV019 (€3,800),
ii) Il-kontijiet intestati f'isem il-konvenut li r-rendikonti relattivi taghhom kienu ezebiti u mmarkati bhala MTB 10, 11 u 13, flimkien ammontanti ghal €3,524.84.
iii) Il-vettura Kia Mentor CJS – 022 li taghha ma giex stabbilit valur.
iv) Il-kontijiet kollha tal-Visa li hemm intestati f'isem il-konvenut b'dan illi l-konvenut ghandhu jkun unikament

responsabbli ghall-hlas ta' kwalunkwe ammont dovut fuq dawn il-kontijiet.
v) Ghamara u oggetti tad-dar li jinsabu fid-dar matrimonjali u li huma elenkati fin-nota guramentata ta' D C (fol 33 Rik Gur 128.08NC) tal-valur ta' €13,498.70.

Peress illi l-valur tal-porzjon 'B' jeccedi l-valur tal-Porzjoni A, il-konvenut ghandu jhallas ekwiparazzjoni ta' €7166.50 lill-attrici. Dwar il-valur tal-vettura Kia Mentor numru CJS-022 il-Qorti qeghda tinnomina a spejjez tal-konvenut lill-Espert Gudizzjarju Joseph Zammit u tinkarigah sabiex fil-presenza taz-zewg partijiet jezamina il-vettura de quo u jaghti stima bil-miktub tal-valur taghha.

Kwalunkwe bilanci li jista' jkun hemm fuq il-kontijiet mizmumin f'isem it-tfal, ghandhom jithallsu lit-tfal hekk kif dawn jilhqu l-eta maggorenni.

**DECIDE.**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li

(1) Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.
(2) Tilqa' parzjalment t-tieni eccezzjoni in kwantu l-kura u kustodja tal-minuri tifel ser tigi moghtija lill-konvenut.
(3) Tichad t-tielet eccezzjoni skond kif indikat fis-sezzjoni Manteniment Pretiz mill-Attrici.
(4) Tichad r-raba' eccezzjoni.
(5) Tilqa' l-hames eccezzjoni.
(6) Tichad s-sitt eccezzjoni in kwantu id-dar matrimonjali mhux ser tigi assenjata lill-konvenut.
(7) Tilqa' s-seba eccezzjoni in kwantu l-konvenut mhux ser jigi imcahhad mid-drittijiet tieghu fuq id-dar matrimonjali.
(8) Tilqa' t-tmien eccezzjoni stante li ma rrizultawx beni parafernali appartenenti lill-attrici.
Tipprovdi dwar it-talbiet attrici billi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba attrici fis-sens illi tippronunzja s-seprazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tiddikjara l-

konvenut kien jahti unikament ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet. Tistabbilixxi l-14 ta' Marzu 2004 bhala d-data li fiha l-konvenut irrenda ruhu responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg.
(2) Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Jodie lill-attrici filwaqt illi takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Carlston lill-konvenut b'access ghaz-zewg minuri skond kif konkordat ma' l-istess minuri.
(3) Tilqa' t-tielet talba' skond kif indikat taht l-intestaturi Manteniment Pretiz mill-Attrici u Manteniment ghall-Minuri rispettivament.
(4) Tilqa' r-raba' talba.
(5) Tilqa' l-hames talba u tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li din ghandha tigi assenjata kif stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti' inkluz il-bejgh tad-dar matrimonjali. Tordna li fl-eventwalita' li l-fond matrimonjali jinbiegh bis-subbasta jigu ammessi oblaturi estranei.
(6) Tichad s-sitt talba.
(7) Tichad s-seba' talba.
(8) Tichad it-tmien talba peress illi ma tressqux provi dwar li l-konvenut huwa fil-pussess ta' beni parafernali tal-attrici.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------